MALTA

ATT Nru. XXXII ta' l-1989

ATT mahruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

ACT No. XXXII of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

17 ta' Novembru, 1989

ATT Nru. XXXII ta' l-1989

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Att Nru. XVI ta' l-1975.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Kuntratti ta' provvista jew ta' xogħlijiet.

35. Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali, it-Telemalta ma għandha tidħol f'ebda kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew ta' materjal, jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, li jkun stmat mill-Bord li jkun jiswa iżjed mis-somma ta' għaxart elef lira, jew dik is-somma li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien b'riżoluzzjoni tistabbilixxi, kemm-il darba avviż tal-ħsieb tal-Korporazzjoni li tidħol fil-kuntratt ma jkunx ġie pubblikat u jkunu ħarġu offerti kompetittivi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 304 tat-13 ta' Novembru, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati